MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 526/2010

Kevin Azzopardi u martu Frances Azzopardi
vs
George Galea

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma komplessiva ta' wiehed u tmenin elf u hames mitt Euro (€81,500), rapprezentanti xogholijiet ezegwiti mir-rikorrenti fuq inkarigu tal-intimat stess gewwa proprjetajiet kemm il-Maghtab kif ukoll f'San Pawl il-Bahar;
2. Illi l-intimat offra li jhallas lir-rikorrenti permezz ta' trasferiment ta' proprjeta` immobiljari, kif jidher minn kopja ta' konvenju datat 19 ta' Novembru 2009 prezentat mar-rikors u immarkat Dokument "KA", fejn qieghed jintqal fl-istess konvenju li l-prezz tal-istess proprjeta` "tirrispekkja l-hlas kollu dovut ghal xoghol li l-

kumpratur ghamel ghall-venditur fil-Mghatab u parti mill-hlas ghal xoghol li sar mill-kumpratur ghall-venditur f'San Pawl il-Bahar" pero` l-kuntratt finali ma giex ippubblikat billi l-intimat naqas milli adempixxa ruhu mal-obbligi assunti minnu fl-istess konvenju u anqas interpella lir-rikorrenti sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali ta' trasferiment tal-istess proprjeta` immobiljari;

3. Illi l-konvenju fuq imsemmi skada fl-ahhar ta' April 2010 u l-intimat ma interpellax lir-rikorrenti sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali ta' trasferiment tal-proprjeta` u konsegwentement illum jinsab itterminat ghall-finijiet u effetti kollha;

4. Illi l-intimat, interpellat diversi drabi sabiex jirrifondi s-somma ta' wiehed u tmenin elf u hames mitt Euro (€81,500), anke permezz ta' ittra legali datata 3 ta' Mejju 2010 li kopja taghha giet prezentata mar-rikors u immarkata Dok KA1, baqa' inadempjenti;

5. Illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba rikorrenti.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

6. In vista tal-premess tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* ta' Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u konsegwentement tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' (€81,500), rapprezentanti xogholijiet ezegwiti mir-rikorrenti fuq inkarigu tal-intimat stess gewwa proprjetajiet kemm il-Maghtab kif ukoll f'San Pawl il-Bahar u li tqiesu li thallsu lill-intimat bhala l-prezz fuq konvenju konkluz bejn il-partijiet fejn l-intimat obbliga ruhu illi jittrasferixxi proprjeta` immobiljari lir-rikorrenti, liema konvenju illum skada.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru Nru /10 ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat u bl-imghaxijiet legali kalkolati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-19 ta' Novembru 2009 u cioe` mid-data

tal-konvenju sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat li gie ingunt in subizzjoni u minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi pretensjoni ohra jew azzjoni spettanti li jista' jkollhom ir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat li l-intimat debitament notifikat skond il-ligi mghajjat tliet darbiet ma deherx u ma deher hadd ghalih.

Xehed Kevin Azzopardi u qal li minn meta ipprezenta r-rikors guramentat l-intimat ma hallsu xejn.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk peress li t-talbiet tar-rikorrenti jidhru gustifikati, il-Qorti filwaqt li qed tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba rikorrenti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* ta' Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), qed tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' (€81,500), rapprezentanti xogholijiet ezegwiti mir-rikorrenti fuq inkarigu ta' l-intimat stess gewwa proprjetajiet kemm il-Maghtab kif ukoll f'San Pawl il-Bahar u li tqiesu li thallsu lill-intimat bhala l-prezz fuq konvenju konkluz bejn il-partijiet fejn l-intimat obbliga ruhu illi jittrasferixxi proprjeta` immobiljari lir-rikorrenti, liema konvenju llum skada.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru Nru /10 ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat u bl-imghaxijiet legali kalkolati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-19 ta' Novembru 2009 u cioe` mid-data tal-konvenju sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-intimat, u minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi pretensjoni ohra jew azzjoni spettanti li jista' jkollhom ir-rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------